MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 79/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta' Marzu, 2006 li permezz tiegħu l-attur A ippremetta:

1. Illi b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Frar 1986 (Dokument A) li ddikjarat fost oħrajn is-separazzjoni bejn il-partijiet, dik il-Qorti ordnat lill-esponent iħallas lill-intimata, għaliha u għal uliedha minuri, ir-retta alimentari ta' Lm43 fil-gimgħa;

2. Illi sussegwentement, l-esponent ġie ordnat iħallas lill-intimala bħala manteniment, għaliha u għat-tifla komuni C,

is-somma ta' Lm50 fil-ġimgħa b'sentenza tal-istess Qorti tal-5 ta' Marzu 1999 (Dokument B), liema ammont ġie ffissat minħabba li *"għal bniedem fin-negozju bħalma hu l-konvenut jidher li hu raġjonevoli":*

3. Illi l-imsemrnija bint il-partijiet C illum hija maġġorenni;

4. Illi l-istess Qorti (Dokument B) illikwidat u qasmet il-komunjoni tal-akkwisti ġia' eżistenti bejn il-partijiet billi assenjat lill-intimata diversi proprjetajiet immobbli, u li minnhom l-istess intimata tista' tassigura introjtu biżżejjed għall-għixien xieraq tagħha, kif ser jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni ta' din il-kawża;

5. Illi mid-data tas-sentenza 'l hawn, il-proprjetajiet immobbli assenjati lill-intimata apprezzaw sostanzjalment fil-valur u fil-potenzjal redditizju tagħhom, waqt li dik assenjata lill-esponent *(showroom)* tilfet fil-potenzjal redditizju tagħha minħabba *s-slump* lin-negozju;

6. *Inoltre*, l-esponent illum huwa pensjonant u m'għadux bin-negozju li kellu meta ġiet deċiża l-kawża tas-separazzjoni;

7. Illi, għaldaqstant, filwaqt li l-intimata hija kapaċi u għandha l-mezzi adegwati biex tipprovdi għall-ħtiġijiet tagħha, il-mezzi tal-esponent naqsu sostanzjalment u fiċ-ċirkostanzi mibdula tal-partijiet mhux obbligat li jissomministra manteniment lill-intimata.

Illi fuq talba tal-esponent, din il-Qorti permezz ta' digriet tat -2 ta' Frar 2006, awtorizzatu *ai termini* tar-regolament 9(1) tal-Avviz Legali 397/2003 sabiex jipproċedi b'din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha:

(1) twaqqaf għal kollox il-manteniment iffissat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenzi fl-ismijiet premessi tal-14 ta' Frar 1986 u tal-5 ta' Marzu 1999, jew tnaqqas l-istess manteniment pagabbli mill-esponent lill-intimata.

(2) konsegwentement, tirrevoka jew tibdel l-ordnijiet fuq imsemmija mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenzi fl-ismijiet "D vs A" tal-14 ta' Frar 1986 u tal-5 ta' Marzu 1999.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata, inġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta B ippreżentata fis-17 ta' Mejju, 2006, li permezz tagħha eċċepiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* li a tenur tas-sentenza tal-5 ta' Marzu 1999 tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-attur, fil-kawża odjerna, ġie kkundannat iħallas lill-konvenuta s-somma ta' Lm50 fil-ġimgħa bħala manteniment għaliha u għat-tifla komuni C u li għalhekk għandu jottempera ruħu ma' l-obbligi hemm elenkati u *di piu* meta kien l-attur stess li kien ta' lok għas-separazzjoni ta' bejniethom.

2. Illi m'huwiex minnu li l-proprjetajiet immobbli assenjati lill-konvenuta fis-sentenza hawn fuq imsemmija apprezzaw sostanzjalment fil-valur u fil-potenzjal redditizju tagħhom u li dik assenjata lill-attur tilfet fil-potenzjal redditizju tagħha u dana minħabba li l-attur jallega minħabba *slump* fin-negozju.

3. Illi l-konvenuta tirribatti bil-qawwa kollha li l-mezzi tal-attur naqsu sostanzjalment u li ċ-ċirkostanzi tiegħu ġew mibdula u b'hekk l-attur għandu jibqa' obbligat jissoministra manteniment lill-konvenuta u dana minkejja wkoll li bint il-partijiet C, persuna bi bżonnijiet speċjali, hija maġġorenni tant li meta ngħatat is-sentenza tal-5 ta' Marzu 1999, hija diġa' kienet maġġorenni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits tal-partijiet u semgħethom in kontro-eżami;

Semgħet lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Novembru 2009 li permezz tiegħu l-kawża thalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mir-rikors promotur l-attur qed jitlob modifika tas-sentenzi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar 1986 u tal-5 ta' Marzu 1999 u senjatament dawk li jirrigwardjaw il-manteniment li huwa ordnat li jħallas għall-istess minuri.

Illi għandu jingħad illi il-Qrati tagħna sa minn żmien Sir Adriano Dingli (Vol 9 paġna 463) dejjem irritenew illi filwaqt li manteniment iffissat minn kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jiġi varjat, differenti huwa l-każ ta' dak iffissat mill-Qorti. Dan il-punt ġie konfermat diversi drabi anke per eżempju taħt il-presidenza ta' Sir Arturo Mercieca fis-26 ta' Ottubru 1937 fejn intqal illi l-leġislatur ried jagħti lis-separazzjoni personali konsenswali n-natura ta' veru kuntratt b'mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistgħux jiġu mibdula mingħajr il-kunsens komuni tal-partijiet ... il-klawsola dwar l -alimenti ma tistax tiġi modifikata mill-Qorti jekk ikun hemm oppożizzjoni minn waħda mill-partijet. (Vol 29.1.1121) Il-Qorti ma tħossx li għandha tissofferma iktar fuq dan il-punt fit-tul u tagħmel biss riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Alfred Grech vs Pauline Grech"** deċiża fis-16 ta' April 2004 fejn din il-kwistjoni ġiet spjegata fit-tul. Hemmhekk il-Qorti filwaqt li kkonċediet li l-pożizzjoni tal-Qrati tagħna fir-rigward ma baqgħetx daqshekk riġida, ukoll ikkonkludiet li hemm differenza f'dan ir-rigward bejn manteniment miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni għal wieħed impost mill-Qorti. Madankollu ta' min iżid illi l-Qorti tippuntwalizza ukoll illi l-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur* ma japplikax fejn l-attur għalkemm disokkuppat xorta jipperċepixxi ntrojtu (bħal fil-każ odjern ) u *oltre* dan l-obbligu li wieħed imantni lil uliedu ma joħroġx mill-fatt li wieħed ikun jaħdem iżda

mill-istess liġi – ara s-sentenza **"Tabone vs Tabone"** (Prim' Awla – 3 ta  Ottubru 2003).

Illi f'dan il-każ kif indikat fir-rikors is-sentenzi in kwistjoni finalment ordnaw lill-attur iħallas manteniment ta' Lm50 fil-ġimgħa għall-konvenuta u l-minuri C.  Fis-sentenza ġie ndikat illi fil-fehma tal-Qorti dan l-ammont deher raġonevoli għal bniedem fin-negozju.  Huwa minnu pero' ukoll li l-Qorti fis-sentenza finali kkunsidrat ukoll il-fatt li l-konvenuta f'din il-kawża pperċepiet sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, liema sehem kien konsiderevoli. Għalhekk il-fatt li l-konvenuta għandha ċertu mezzi ma hux rilevanti għall-kawża odjerna.

Illi huwa fatt pero' li llum l-attur ma għadux dak il-bniedem li kien għaxar snin ilu u li l-attivita' tiegħu fin-negozju lanqas ma għadha li kienet.  Mill-banda l-oħra l-Lm50 tal-1999 lanqas ma huma l-ħamsin lira (jew ekwivalenti tagħhom fil-munita odjerna) tal-lum minħabba l-effett notevoli tal-inflazzjoni.  Fir-rigward tal-minuri li hija tifla b'diżabilita' ma hux ċar jekk fil-fatt meta ingħatat is-sentenza din kienitx ġia' għalqet it-tmintax-il sena.

Illi fir-rigward tal-qliegħ jirriżulta ċar li l-attur, barra l-pensjoni, jipperċepixxi ukoll il-ħlas ta' diversi kirjiet.  Huwa ċar li l-ħlas tal-manteniment ma jħallihx bla mezzi kif qed jgħid hu. Ċertament qed jarah żejjed iżda wieħed ma jridx jinsa li l-konvenuta barra l-bżonnijiet tagħha għandha wkoll l-oneru li tieħu ħsieb lil bintha li hija bi bżonnijiet speċjali. Huwa minnu li tieħu l-pensjoni tal-invalidita' tat-tifla iżda ma hemmx dubju li għaliha dan huwa piż notevoli.

Illi fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-Qorti għalhekk ma tħossx li għandha tvarja wisq il-manteniment li l-attur għandu jħallas lil martu u għalhekk se tirrediċuh għall-ammont ta' mitt Euro fil-gimgħa.

**Għaldaqstant il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi limitatament biss billi tvarja l-ammont li għandu jħallas l-attur lill-konvenuta bħala**

**manteniment għas-somma ta' mitt Euro (€100) fil-ġimgħa b' effett mid-data ta' din is-sentenza.**

**Spejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------